MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-21 ta' Awwissu, 2010

Numru. 877/2010

Il-Pulizija
(Sp Nezren Grixti)
vs
Rassid Sawara, iben Sawara, imwieled il-Benin fis-sena 1977, Karta ta’ l-Pulizija numru 08HH-012

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f’dawn il-Gżejjer fl-20 ta’ Awwissu, 2010 u fil-ġranet ta’ qabel f’Malta f’ħinijiet differenti:
a. għamel użu jew attenta li jagħmel użu minn passport u residence permit maħruġ lill-persuna oħra;
b. talli fl-istess ċirkostanżi f’Malta ta jew ġiegħel jagħti xi prospett falz, dikjarazzjoni falza, jew tagħrif ta’ fatti foloz lill-Uffiċjal ta’ l-Immigrazzjoni.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Awwissu, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 4 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(ċ) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma nħatru ebda esperti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------